# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM 12 ta' Dicembru, 2000.**

**Kawza Nru. 25.**
**Citazz. Nru. 500/00 JRM**

**FRANK BORDA LTD.**

**vs**

**Gaetano MIFSUD u Emily Mifsud.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi permezz ta' kuntratt ta' Hire Purchase tal-10 ta' Ottubru 1996 il-konvenuti inghataw il-pussess ta' vettura Skoda Combi Chassis 234954, Engine Number 2304168 liema vettura giet registrata bin-numru IAE 884.

Illi kif hemm stipulat fl-imsemmi kuntratt, il-konvenuti kellhom ihallsu s-somma ta’ Lm4,893.73 perrmezz ta’ 47 rati mensili ta’ Lm102 u rata finali ta’ Lm99.73;

Illi l-konvenuti ma zammewx ma’ dan il-metodu ta’ pagament u fil-fatt l-iskadenzi mill-5 ta’ Gunju 1998 ‘il quddiem ma thallsux;

Illi ghalhekk a tenur ta’ l-Artiklu 3B tal-imsemmi kuntratt, il-konvenuti m’humiex puntwali f’iktar minn installment wahda u ghalhekk l-attur huwa intitolat li jitlob il-pussess immedjat tal-vettura kif ukoll li jircevi l-hlas ta’ l-installments kollha li jigu dovuta sa dakinhar tal-konsenja tal-vettura lura lilu;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti huma moruzi fil hlas tal-pagamenti u ghalhekk kisru d-disposizzjonijiet tal-klawsola 3 ta’ l-imsemmi Hire Purchase Agreement u ghalhekk l-attur huwa ntitolat illi javalla ruhu mid-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3B tal-istess kuntratt;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jikkonsenja lill-attur il-pussess tal-vettura u tal-Log Book relattiv, liema konvenuti jkunu responsabbli ghal kwalunkwe parti difettuza mitlufa jew distrutta tal-vettura;

3. Tiffissa l-gurnata hin u lok sabiex isir trasfeiment tar-road licence tal-vettura ghal favur is-socjeta’ attrici u tinnomina kuratur sabiex jirraprezenta l-eventwali kontumaci;

4. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli li jhallsu lill-attur l-iskadenzi li gew dovuta mill-5 ta’ Gunju 1998 sa dak inhar li l-pussess effettiv tal-vettura tghaddi favur is-socjeta’ attrici;

5. Tillikwida l-iskadenzi li jkunu ghalqu kif stipulat fit-talba numru 4;

6. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' mandat ta' qbid li qed jigi prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet mid-data rispettiva ta' kull skadenza kontra l-konvenuti li minn issa huma ngujnti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni billi:

1. Ghall-finijiet tal-ewwel talba attrici, tiddikjara lill-konvenuti moruzi fil-hlasijiet tal-pagamenti dovuti minnhom u li, b'effett ta' hekk, is-socjeta' attrici hija intitolata li tiehu lura l-pussess tal-vettura mertu tal-kuntratt, skond il-klawsola 3(b) tal-istess ftehim;

2. Tilqa t-tieni talba, u tordna li r-radd lura ghandu jsir fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza;

3. Ghall-finijiet tat-tielet talba, tiffissa d-data tal-Erbgha, 27 ta' Dicembru, 2000, fl-10.30 a.m., biswit l-Ufficcju tal-Licenzji tal-vetturi, Floriana;

4. Ghall-finijiet tat-tielet talba ukoll, tahtar lill-Avukat Dottor Michael Spiteri bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci; u

5. Ghall-finijiet tal-hames talba, tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti lis-Socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn erba' mija u sitt liri maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm2406.34);

U bl-ispejjez kontra l-konvenuti, u flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tar-rispettivi skadenzi sal-jum tal-hlas effettiv.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru, 2000.**